**Fontana Local Council**

Minuti tal-wieħed u tletin (31) laqgħa tal-Kunsill Lokali Fontana li saret fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 30 ta' Marzu 2010 fil-5.30pm.

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti:

| | |
|---|---|
| Sindku: | Is-Sur Saviour Borg |
| Kunsilliera: | Is-Sur Victor Cefai<br>Is-Sur Horace Micallef<br>Is-Sur Lorry Apap |
| Segretarju Eżekuttiv: | Is-Sur Karl Vella |
| Skużat: | Il-Viċi Sindku, is-Sur Anthony Borg |

## 1. TALBA

Il-laqgħa kienet ippreseduta mis-Sindku. Is-Segretarju Eżekuttiv beda l-laqgħa permess ta' talba.

## 2. QARI, KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Numru 30 li saret nhar il-Ħamis 25 ta' Frar 2010 mis-Segretarju Eżekuttiv. Wara li saru l-korrezzjonijiet meħtieġa dawn ġew approvati mill-membri tal-Kunsill u ġew iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u mis-Sindku.

Fuq il-parir li tana d-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, is-Sur Natalino Attard, l-eks Aġent Segretarju Eżekuttiv Josephine Borg ikkoreġiet il-Minuti ta' diversi laqgħat preċedenti u dawn ġew inizjalita minnha. Hi ħarġet mill-kamra fil-5.45pm.

## 3. QARI TAL-MEMOS, LMENTI / SUĠĠERIMENTI U KORRISPONDENZA PRINĊIPALI

### (a) Memos

| | |
|---|---|
| - Memo 38/2010 | Żjara tal-QT l-Papa Benedittu XVI f'Malta fis-17 u t-18 ta' April 2010 |
| - Memo 39/2010 | Sejħa għal Proposti ta' Proġetti taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEZR) 2007-2013 immirata għall-Kunsilli Lokali |
| - Memo 40/2010 | Dokument tar-Riforma tas-Sistema tal-Infurzar Lokali |
| - Memo 41/2010 | Linji Direttiva dwar il-Kumitat Regjonali |
| - Memo 42/2010 | Mistoqsija Parlamentari Numru 15510<br>⌖ Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb li jirrispondi din il-Mistoqsija Parlamentari |
| - Memo 43/2010 | Sejħa għal-Segretarji Eżekuttivi mal-Kumitat Reġjonali |


Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

- Memo 44/2010 — Mistoqsija Parlamentari Numru 15514
  - Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb li jirrispondi din il-Mistoqsija Parlamentari
- Memo 45/2010 — Kuntratti Ġodda dwar *resurfacing* ta' Toroq b'sistema ta' *Public Private Partnership*
  - Kif kien maqbul f'laqgħa preċedenti tal-Kunsill, il-Kunsill għandu japplika għal Triq l-Isptar San Ġiljan u għal parti minn Triq il-Għajn (bejn Pjazza Sant Wistin u Triq il-Kappillan Ġużepp Hili). Għal dan il-għan il-Kunsill għandu jitlob stima tax-xogħolijiet mingħand il-Perit John Saliba. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb jibgħat dawn l-istima lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.
- Memo 46/2010 — MUESAC - Għajnuna fil-Mili tal-applikazzjonijiet għal Proġetti taħt il-Programmi ta' fondi tal-Unjoni Ewropea
- Memo 47/2010 — Mistoqsija Parlamentari Numru 15985
  - Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb li jirrispondi din il-Mistoqsija Parlamentari
- Memo 48/2010 — Mistoqsija Parlamentari Numri 15986 u 15987
  - Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb li jirrispondi dawn il-Mistoqsijiet Parlamentari
- Memo 49/2010 — Mistoqsija Parlamentari Numru 15988
  - Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb li jirrispondi din il-Mistoqsija Parlamentari
- Memo 50/2010 — Manutenzjoni jew Kisi mill-Ġdid ta' Toroq għas-Sena 2010
- Memo 51/2010 — *WiFi Access Points*
  - Il-Kunsillier Horace Micallef ippropona li l-Kunsill idaħħal linja tat-telefon fil-*Multi Purpose Room* sabiex dan is-servizz jiġi offrut fl-inħawi tal-bandli tal-Fontana. Il-membri tal-Kunsill qablu. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb li jibgħat din l-applikazzjoni. Is-Sindku ppropona li l-*Multi Purpose Room* tiġi attrezzata sabiex din tkun tista' tintuża mir-residenti sabiex dawn ikun jistgħu jidħlu f'din il-kamra u jagħmlu użu mill-*WiFi*. Il-membri tal-Kunsill qablu.

**(b) Ilmenti / Suġġerimenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv qara l-ilment li ressaq is-Sur Emanuel Debono, ħaddiem li ngħata lill-Kunsill mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn hu qiegħed jitlob li jingħatlu lura l-bqija ta' *pipe* personali li kien tqattalhu bi *truck* waqt li kien qiegħed jużah waqt il-ħidma tiegħu mal-Kunsill. Wara diskussjoni, il-membri tal-Kunsill qablu li ma jistax jingħati *pipe* itwal minn dak maqsum li nġab lura l-Kunsill.



Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

**(c) Korrispondenza Prinċipali**

(i) Is-Sra Alice Darmanin, Segretarja tal-Bord ta' Evalwazzjoni, permess ta' *email* ikkonfermat li l-Kunsill Lokali Fontana ser jingħata €1,750 taħt l-Iskema għall-Inizjattivi Sportivi għall-Kunsilli Lokali. Il-preżentazzjoni tal-Kuntratt saret nhar il-Ħamis 18 ta' Marzu 2010 fejn kienu preżenti s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Dan sar fl-iskola Primarja ta' San Bastjan f'Ħal Qormi u ġie ppreżentat mill-Onor Chris Said u l-Onor Clyde Puli.. Fl-laqgħa preċedenti l-Kunsill kien qabel li din l-attivita' għanda ssir ix-Xlendi. Il-Kunsillier Horace Micallef saqsa jekk qabel norganizzaw din l-attivita' l-Kunsill għandux jiddiskuti mal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi. Is-Sindku qal li għandu jiċċekja, pero' li hu żgur hu li l-Kunsill għandu bżonn il-permessi tal-Kunsill Lokali Munxar u tal-Awtorita' Marittima. Is-Sindku ppropona li din l-attivita' tittellgħa s-Sibt 31 ta' Lulju u l-Ħadd 1 t'Awissu 2010 biex ma tkunx qrib il-festa tax-Xlendi. Is-Sindku ppropona li nistiednu lill-Kunsilli Lokali ta' Sannat, Kerċem, Munxar u Rabat (Għawdex) sabiex jieħdu sehem f'din l-attivita'. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill isib lil xi persuna sabiex tieħu ħsieb li torganizza din l-attivita' u jekk hemm bżonn tiġi mħallsa mill-Kunsill. Il-Kunsillier Victor Cefai qal li f'attivita' bħal din importanti li jkun hemm persuni li jipprovdu *First Aid*. Il-membri tal-Kunsill qablu. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb li jibgħat dawn l-ittri.

(ii) Bejn it-22 u 24 t'April 2010 ħa tiġi organizzata konferenza kontra l-abbuż tad-Droga ġewwa l-lukanda Kempinski ġewwa San Lawrenz. Il-Kunsillier Victor Cefai qal li hu jixtieq jattendi għal din il-konferenza. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb li jibbukjalu post.

(iii) Irċivejna *Cheque* ta' €678.95 mingħand il-*Gozo Joint Committee* bħala pagament tal-kontravenzjonijiet ta' bejn April 2009 u Jannar 2010. Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li dan il-kumitat kien ser jiġi xolt u minflok ser jibda jopera l-Kumitat Reġjonali fl-1 t'April 2010. Is-Sindku ppropona li nibgħatu *email* lis-Sur David Soler, li hu responsabbli mill-*Gozo Joint Committee* u nsaqsuh x'inhi r-raġuni għaliex minn Lulju 2002 sa Marzu 2009 il-Kunsill ma ngħatax fondi. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb jibgħat din l-*email*.

(iv) Ġejna nfurmati li n-Notte Gozitana Lejliet Lapsi ser tkun bejn l-14 u 16 ta' Mejju 2010. Is-Sindku qal li nhar llum attenda għal-laqgħa organizzata mill-*Gozo Culture Office* fil-Banca Giuratale bl-għan li din is-sena tittella' *mini-expo* tal-identita' tal-lokalitajiet Għawdxin bi *stand* individwali għal kull lokalita' Għawdxija fi Triq ir-Repubblika, Rabat Għawdex. Il-membri tal-Kunsill qablu li l-Kunsill għandu jieħu sehem f'din l-attivita'. Is-Sindku għandu jieħu ħsieb li jkellem lil tal-Fontana Cottage Industry biex jesibixxu prodotti magħmulin fil-Fontana.

(v) Is-Segretarju Eżekuttiv informal ill-membri tal-Kunsill li hu kien bghat *email* lil MEPA minħabba l-istudju ta' l-Arja ġewwa l-lokalita' tal-Fontana fejn ġejna nfurmati li huma qegħdin fil-proċess li jbiddlu s-sistema ta' kif jittieħdu l-kampjuni tal-arja u normalment dawn jittieħdu wieħed minn żona residenzjali u ieħor minn żona traffikuza.


Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

(vi) Nhar it-8 t'April 2010 ħa ssir laqgħa dwar ir-riforma tal-LES Fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex fejn is-Sindki u s-Segretarji Eżekuttivi huma mistiedna jattendu.

(vii) Bejn l-14 u 15 ta' Mejju 2010 ser issir Laqgħa tas-Sindki ġewwa l-Lukanda Calypso f'Marsalforn. Is-Sindku qal lis-Segretarju Eżekuttiv li hu ser jattendi għal din il-laqgħa u għaldaqstant għandu jieħu ħsieb li jibbukkjah. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu wkoll jiċċekja mal-Viċi Sindku jekk jixtieqx jattendi għal din il-laqgħa.

(viii) Nhar is-Sibt 20 ta' Marzu 2010, is-Sindku, Viċi Sindku, Kunsilliera u Segretarju Eżekuttiv ġew mistiedna għal ċelebrazzjoni ġewwa l-Knisja tal-Qala.

(ix) L-ETC infurmaw lill-Kunsill li minn nhar it-Tnejn 15 ta' Marzu 2010 il-Kunsill ser jingħata żewġ ħaddiema, Raymond Muscat (li diġa' kien mal-Kunsill) u Terry Attard, taħt l-Iskema Xogħol fil-Komunita'.

(x) Is-Segretarju Eżekuttiv informal lill-membri tal-Kunsill li ser jiġi organizzat kors għas-Segretarji Eżekuttivi tal-Kunsilli Lokali bejn is-7 u 9 t'April 2010 ġewwa il-*University Residence* f'Ħal Lija.

(xi) *Email* mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn ġejna nfurmati li l-applikazzjoni fir-rigward ta' Memo 27/2010 għall-proġett ta' *embellishment* fi Trejqa ta' Wara d-Djar u għall-proġett tat-Tieni Fażi taċ-Ċentru Ċiviku ġew *shortlisted*.

(xii) Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali nforma lill-Kunsilli Lokali li dawk il-Kunsilli li ma jweġbux il-Mistoqsijiet Parlamentari ħa jkollom tnaqqis ta' 0.5% mill-allokazzjoni finanzjarja tagħhom.

(xiii) Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri tal-Kunsill li s-Sala tal-Komunita' ġiet mitluba biex tinkera għal attivita'. Is-Sindku ppropona li ngħaddu *Bye Law* sabiex inkunu nistgħu nikru s-Sala. Il-Kunsillier Horace Micallef ippropona li s-Segretarju Eżekuttiv jakkwista kopja ta' *Bye Law* simili mingħand Kunsill iehor. Is-Sindku qal li l-prezz jiġi determinat f'laqgħa oħra tal-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill qablu. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb jakkwista kopja ta' *Bye Law*.

4. **Għoti ta' *Tenders***

Kif maqbul f'laqgħa preċedenti, il-Kunsill qal lill-Inġinier Mario Galea sabiex jipprepara rapport dwar l-offerti li rċieva l-Kunsill fir-rigward ta' *Tenders* FON 01/2010 u FON 02/2010. L-Inġinier Galea għadda kopja tar-rapport rigward Tender FON 01/2010 lis-Segretarju Eżekuttiv. Ir-rapport rigward *Tender* FON 02/2010 ma kienx lest. L-Inġinier Galea daħal fil-kamra fis-6.30pm. Hu spjega li fl-offerti kollha li rċieva l-Kunsill dwar is-sistema *photovoltaic* għall-ewwel fażi taċ-Ċentru Ċiviku, kien hemm xi nformazzjoni nieqsa u għaldaqstant ma jistax jasal għal konklużżjoni. Il-Kunsillier Lorry Apap issuġġerixxa li ladarba l-offerti ma laħqux l-*specifications* għandna niktbu lil kull min tefgħa l-offerta tiegħu u nitolbuh l-informazzjoni meħtieġa. Il-membri tal-Kunsill qablu. Il-membri tal-Kunsill qablu li l-Inġinier Galea għandu jieħu ħsieb jibgħat il-mistoqsijiet u din il-materja tiġi diskussa f'laqgħa oħra. L-Inginier Galea ħareġ mill-kamra fil-6.50pm.



Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

5. **Approvazzjoni ta' Kontijiet**

Il-Kontijiet mehmużin ma' dawn il-Minuti ġew approvati mill-membri tal-Kunsill. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv informaw lill-membri tal-Kunsill li minn Lulju 2009 sa Jannar 2010, il-kuntrattur Savio Debrincat kien iċċarġjana madwar €750 aktar milli suppost. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-kuntrattur b'dan, u hu kkonferma li dan sar bi żvista u għaldaqstant ser jibgħat *Credit Note*. Barra minhekk is-Sindku nforma lill-Kunsill li mill-kont ta' Frar trid tinqata' wkoll ġurnata oħra, dan għar-raġuni li skont il-kuntratt, il-kuntrattur mhux suppost ħadem fl-10 ta' Frar 2010 li kienet festa pubblika.

6. **Materji Oħra**

(i) Is-Sindku ppropona li għandna noħorġu l-*quotations* għall-*Insurance Policy* tal-Kunsill kif ukoll għar-Restawr tal-Għajn ta' Bendu (peress li d-dokument biex isir ir-restawr issa tlesta mill-Perit) u għall-apparat elettroniku li ma għadux tajjeb. Il-Membri tal-Kunsill qablu. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb li joħroġ l-avviż.

(ii) Il-Kunsillier Horace Micallef ppropona li għandu jsir *patching* fi Triq l-Isptar San Ġiljan u ħdejn l-Għejjun. Is-Sindku nforma lill-membri tal-Kunsill li konna diġa tlabna lid-Direttur tad-Dipartiment għall-Proġetti u Żvilupp biex isir il-*patching* fi Triq l-Isptar San Ġiljan. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb biex jerġa jfakkru u biex jinfurmah li hemm bżonn ta' *patching* ħdejn l-Għejjun.

(iii) Il-Kunsillier Horace Micallef issuġġerixxa li sa x'ħin it-tfal ikunu deħlin jew ħerġin mill-iskola primarja tar-Rabat, il-Kunsill ma jagħtix permessi biex jingħalqu Triq l-Isptar San Ġiljan, Triq il-Għajn u Triq il-Kappillan Ġużepp Hili. Il-membri tal-Kunsill qablu. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb li fil-ġranet tal-iskola l-permessi ta' xogħol għandhom jinħarġu wara d-disgħa ta' filgħodu.

(iv) Is-Segretarju Eżekuttiv qal li 30 familja residenti fil-Fontana wrew l-interess tagħhom li jinvestu f'sistema *photovoltaic* u 23 f'sistema *solar water heater*. Is-Sindku ppropona li nsaqsu lil *Malta Resources Authority* rigward l-iskema tal-*photovoltaic* li l-Gvern ser joħrog f'Mejju 2010. Il-membri tal-Kunsill qablu li jitlob l-għajnuna tal-Inginier Mario Galea sabiex jiggwidana xi jrid isir dwar dawn iż-żewġ skemi. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb jikkuntatja lil MRA.

(v) Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jorganizza Festival tan-Nar nhar il-Ħadd 19 ta' Settembru 2010. Il-membri tal-Kunsill qablu. Is-Sindku ppropona li jitwaqqaf kumitat sabiex jieħu ħsieb jorganizza din l-attivita'. Il-Kunsillier Horace Micallef aċċetta li jidħol fil-kumitat. Is-Sindku ppropona wkoll lil Yosef Galea biex jidħol fil-kumitat. Il-membri tal-Kunsill qablu. Is-Sindku ppropona wkoll li nqabbdu lis-Sur Charlie Zammit sabiex jgħinna norganizzaw il-programm. Il-membri tal-Kunsill qablu. Il-Kunsillier Horace Micallef ippropona li l-Wirja tal-Festa tigi organizzata fl-istess ġurnata li l-Kunsill jorganizza l-Festival tan-Nar. Il-membri tal-Kunsill qablu.

(vi) Is-Sindku ppropona li niktbu lill-IPSL biex jagħtuna ħaddiema sabiex jibnu l-ħitan tas-sejjieħ tal-Wied tax-Xlendi. Il-membri tal-Kunsill qablu.



Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

(vii) Il-Kunsillier Victor Cefai ppropona li nixtru *printer* sabiex dan jintuża mir-residenti li jagħmlu użu mill-*computer* pprovdut mill-Kunsill. Il-membri tal-Kunsill qablu.

(viii) Kif kien maqbul f'laqgħa preċedenti, is-Segretarju Eżekuttiv ta medalja tad-deheb bl-arma tal-Kunsill lil Kunsillier Lorry Apap. Medalja simili ngħatet ukoll lill-Kunsillier Victor Cefai nhar is-Sibt 20 ta' Marzu 2010 qabel il-Kunċert Hora Gloriae.

(ix) Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri tal-Kunsill li rċivejna l-*Financial Statements* mingħand l-Awdituri wara li kienu saru l-aġġustamenti minn Johanna Caruana (l-*accountant* li l-Kunsill qabbad biex jiġu ppreparati dawn ir-rapporti) sabiex dawn jiġu approvati mill-Kunsill. Il-Kunsillier Horace Micallef xtieq kjarifika rigward dan ir-rapport u staqsa jekk dan jistax jiġi approvat f'laqgħa oħra u forsi ngħidu lill-awdituri biex jispjegawlu dan ir-rapport. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri tal-Kunsill li suppost ir-rapport kellu jkun approvat sal-31 ta' Marzu 2010. Għaldaqstant is-Segretarju Eżekuttiv ipprova jikkuntatja lis-Sur Conrad Borg, impjegat tal-kumpanija *Spiteri Bailey & Co* l-awdituri tal-Kunsill Lokali, pero' dan ma rrispondiex il-*mobile*. Is-Segretarju Eżekuttiv ċempel lil Johanna Caruana sabiex il-Kunsillier Horace Micallef ikun jista' jikkjarifika l-punti tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu ħsieb jikkuntatja lill-Awdituri biex jiċċekkja jekk jistgħux jiġu xi darba.

(x) Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li:

- Is-Sinjura Agnes Grech talbet li l-*Reserved Parking Bay* fi Triq il-Kappillan Hili titneħħa għax ma għandiex bżonna aktar. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jinforma lil Transport Malta b'dan. Il-kaxxa ghanda tigi mghottija minn ħaddiem tal-Kunsill.
- Il-ħarġa soċjo-kulturali li l-Kunsill kien ħa jorganizza kellha tiġi posposta minħabba l-fatt li l-Kappillan tar-raħal kien ser jagħmel waħda fl-istess ġurnata. Din ma saritx minħabba nuqqas ta' parteċipazzjoni. Is-Sindku ppropona li din issir il-Ħadd 11 t'April 2010 fejn inżuru l-Festa Frawli fl-Imġarr u l-Festival li ser ikun hemm fl-Imdina. Il-membri tal-Kunsill qablu.
- Għadna ma nistgħux nibdew nagħmlu l-manutenzjoni tat-toroq għar-raguni li l-garanzija bankarja li għamel il-Kuntrattur kienet baxxa u wara li s-Segretarju Eżekuttiv ikkonsulta mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, il-Kuntrattur ġie mitlub sabiex jieħu ħsieb jagħmel il-garanzija bankarja skont Memo 81/99.
- Ġew miżbugħa l-kaxxi għall-vetturi fi Triq Għajn Tuta li gew approvati minn Transport Malta.
- Kif maqbul f'laqgħa preċedenti, ġie mwaħħal *sensor* fil-*Public Convenience* biex jonqos il-ħela tad-dawl.
- Ġie mdawwar il-kont tal-ewwel fażi taċ-Ċentru Ċiviku minn fuq il-Pulizija għal fuq il-Kunsill. Ġew imħallsa l-arretrati ta' madwar sentejn.
- Kif maqbul f'laqgħa preċedenti ġew ordnati ir-*railing* għal quddiem it-taraġ tal-ewwel fażi taċ-Ċentru Ċiviku u l-Grada li ser titwaħħal fix-xaft tal-*Public Convenience*.
- Inbidlu diversi xtieli u sar xogħol ta' manutenzjoni tal-bankini fi Triq il-


Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt

Kappillan Ġużepp Hili u qed isiru dawk ta' Triq il-Għajn mill-ħaddiema tal-Kunsill, kif ukoll tindif mill-ħaddiema taħt l-Iskema tal-Komunita.

- Nhar is-26 ta' Frar 2010 saret is-seduta tal-Qorti dwar il-mandat ta' inibizzjoni u l-Qorti ser tagħti digriet dwar min ser iħallas l-ispejjeż.
- Nhar is-26 u 27 ta' Frar 2010 il-Viċi Sindku attenda għal-laqgħa tas-Sindki u l-Viċi Sindki organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fil-Lukanda Radisson, San Giljan.
- Nhar il-5 ta' Marzu 2010 s-Sindku attenda għal-laqgħa tas-Sindki Għawdxin fil-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria fejn ġew diskussi l-iskemi tal-iskart separat, fejn sar qbil li l-offerta tingħata lil GreenMT iżda jridu jiġu ndirizzati xi punti u dan ser isir mill-President Reġjonali Dr. Samuel Azzopardi, Sindku tal-Belt Victoria, il-kuntratt tal-*Bring in Sites* u *Seminar Covenant* tas-Sindki Għawdxin.
- Nhar il-15 ta' Marzu 2010 s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħa mas-Sur Aldo Formosa, uffiċjal responsabbli mill-MUESAC f'Għawdex, dwar x'servizzi qed jiġu offruti lill-Kunsilli Lokali.
- Nhar l-20 ta' Marzu 2010 ġie mtellgħa b'suċċess il-kuncert *Hora Gloriae* mill-kor *Schola Cantorum Jubilate* fil-knisja parrokjali tal-Fonanta li ġie organizzat bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali u l-parroċċa. Dan sar fl-okkażżjoni tar-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa. Attendew is-Sindku, Viċi Sindku, il-Kunsilliera Victor Cefai u Horace Micallef u s-Segretarju Eżekuttiv. Dan il-kor għadda żewġ CDs lill-Kunsill; wieħed bir-ritratti u wieħed bir-*recording* tal-kunċert.
- Nhar l-24 ta' Marzu 2010 s-Sindku attenda laqgħa għas-Sindki Għawdxin li saret dwar il-Kunsilli Lokali taż-Żgħażagħ li saret minn rappreżentanti tas-Segretarjat Parlamentari taż-Żgħażagħ u Sport.
- Nhar l-24 ta' Marzu 2010 is-Segretarju Eżekuttiv attenda Seminar għas-Segretarji Eżekuttivi ta' Malta u Għawdex ġewwa l-Universita' l-Qadima, Belt Valletta. It-tema ta' dan is-Seminar kien il-ħatra tas-Segretarji Eżekuttivi bħala Uffiċċjali Pubbliċi.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.40 pm.

Laqgħa oħra issir nhar it-Ħamis 29 ta' April 2010 fil-5.30pm ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Fontana.

Karl Vella
Segretarju Eżekuttiv

Saviour Borg
Sindku



Fontana Local Council
Flat 1, Tal-Għajn Flats
Triq tal-Għajn
Fontana

Tel: 21558877; Fax: 21562555
Email: fontana.lc@gov.mt